**15 ta' Jannar, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Anton Depasquale B.A., LL.D.**

A

*versus*

B

## Kwistjonijiet ta' Ġurisdizzjoni – Mandat ta' Impediment ta' Partenza

*Fejn l-azzjoni tkun ibbażata fuq rapporti tal-familja u ta' żwieġ, il-liġi applikabbli hija l-liġi nazzjonali tal-persuna obbligata. Mandat*

*ta' impediment ta' partenza kontra strangier li jkun jinsab f'Malta ma jirradikax "ut sic" il-ġurisdizzjoni jekk ġurisdizzjoni ma jkunx hemm.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fid-19 ta' Ottubru, 1988 li minnha sar l-appell preżenti hija hekk:

"Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi *proprio et nomine*, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni. Premess li bi provvediment provviżorja mogħti mit-Tribunal ta' Bari l-konvenut ġie kkundannat iħallas lill-attriċi *pro et noe* is-somma ta' Lit.600,000 fix-xahar; u premess li l-attriċi *pro et noe*, sakemm ma tiġix espressament dekaduta mid-dritt ta' l-alimenti b'sentenza tal-Qorti, hija fi kwalunkwe każ u indipendentement minn dan, kreditriċi tal-konvenut għall-alimenti; u premess li l-attriċi *pro et noe* għandha d-dritt tikkawtela l-pagament ta' l-alimenti futuri, kemm jekk dovuti b'sentenza, kif ukoll jekk għadhom mhux kanonizzati permezz ta' mandat ta' impediment tas-safar; u premess li in kawtela ta' dawn id-drittijeit l-attriċi talbet u otteniet fil-konfront tal-konvenut il-mandat ta' Impediment tas-safar numru 1333 ta' l-1988; talbet lil din il-Qorti (1) tiddikjara u tiddeċidi illi l-attriċi *pro et noe* għandha dritt tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha għall-alimenti futuri permezz tal-mandat fuq imsemmi u (2) fil-każ li jiġi ritenut li l-provvediment tat-Tribunal Taljan mhux vinkolanti fuq il-konvenut jew mhux esegwibbli hawn Malta, li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attriċi *pro et noe* l-alimenti f'dak l-ammont, lok, żmien u ħin li jiġu stabbiliti minn din il-Qorti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk

tal-mandat ta' impediment ta' safar 1333 ta' l-1986 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda tagħha;

Rat *in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut* Mario Resta fejn qal li preliminarjament din il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet attriċi *pro et nomine stante* li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni skond l-artikolu 742 tal-Kapitolu 12 *stante* illi kemm l-attriċi u kemm il-konvenut huma domiċiljati ġewwa l-Italja; illi l-konvenut huwa ta' ċittadinanza Taljana; illi l-meritu ta' din il-kawża huwa diġà kanonizzat b'sentenza tat-"Tribunal di Bari" fl-Italja, u għaldaqstant l-attriċi diġà għandha mezzi oħra sabiex tesegwixxi l-kreditu tagħha;

*Omissis;*

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat il-verbal tad-29 ta' Settembru, 1988, minn fejn jidher li l-partijiet qablu li l-konvenut huwa ċittadin taljan u li huwa domiċiljat l-Italja; li t-tifla tal-kontendenti hija mwielda l-Italja u għalhekk hija ċittadina taljana; li l-attriċi, fis-sena 1983, tilfet iċ-ċittadinanza Maltija *stante* li b'liġi taljana awtomatikament saret ċittadina taljana, fis-sens li fis-sena 1983 ġiet infurmata mill-awtoritajiet f'Malta li jekk ma *tirrinunzjax* għaċ-ċittadinanza taljana titlef iċ-ċittadinanza Maltija; li ġiet infurmata wkoll li malli tirrinunzja għaċ-ċittadinanza taljana, tirriakkwista ċ-ċittadinanza Maltija, ħaġa li fil-fatt għamlet fit-23 ta' Lulju, 1986;

li l-attriċi ilha għandha passaport Malti maħruġ fid-19 ta' Novembru, 1986; li sas-sena 1986 kienet tgħix regolarment l-Italja; li fis-sena 1987 kienet l-Italja biss għal ġimgħa fil-vaganzi ta' l-Għid u xi xahrejn fis-Sajf u fl-aħħar ġimgħa tas-sena u mill-kumplament kienet tgħix u taħdem Malta; li l-kontendenti sseparaw konsenswalment f'Bari b'att tal-21 ta' Ġunju, 1984;

Rat id-dokument eżibit mill-attriċi bin-nota tal-5 ta' Ottubru, 1988, li huwa l-ftehim bejn il-partijiet għas-separazzjoni konsenswali ta' l-14 ta' Ġunju, 1984;

*Omissis;*

Illi f'materja ta' **domiċilju** l-Qrati tagħna dejjem segwew id-dottrina Ingliża f'din il-materja; illi sas-sena 1974, ir-regola kienet li l-mara miżżewġa immedjatament maż-żwieġ akkwistat id-domiċilju ta' żewġha u żammet jew biddlet dan id-domiċilju sakemm baqa' jseħħ iż-żwieġ skond ma żewġha żamm jew biddel id-domiċilju tiegħu. Din ir-regola ġiet mibdula l-Ingilterrra permezz ta' leġislazzjoni (*Domicile and Matrimonial Proceedings Act, 1973*) u l-mara miżżewġa saret kapaċi takkwista jew tbiddel id-domiċilju tagħha indipendentement minn żewġha. Għalhekk din il-Qorti tħoss li, kif għamlu l-Qrati tagħna fl-imgħoddi meta segwew ir-regola Ingliża, ta' qabel l-1973, għandha tkompli issa ukoll issegwi l-istess regola li tirrispetta l-indipendenza u d-dinjità tal-mara, u tirritjeni li din, għalkemm miżżewġa, għandha l-kapaċità tbiddel id-domiċilju tagħha indipendentement minn żewġha;

Fil-każ in eżami m'hemmx dubju li l-attriċi biddlet id-domiċilju tagħha minn dak taljan għal dak Malti. Xtrat dar hawn

Malta, sabet impieg hawn Malta u b'eċċezzjoni ta' perijodi qosra baqgħet tgħix kontinwament Malta, fi kliem ieħor uriet l-intenzjoni volontarja li tiffissa r-residenza tagħha f'Malta b-intenzjoni li tibqa' tirrisiedi hawn għall-perijodu indefinittiv;

*Għalhekk l-attriċi tissodisfa ż-żewġ rekwiżiti li jrid is-subinċiż* (a) ta' l-artikolu 742(1): hija ċittadina ta' Malta u stabbiliet id-domiċilju tagħha f'Malta;

Din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni biex tisma' u tiddeċidi l-kawżi kollha li jirrigwardaw kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta (art. 742(1) (g) Kap. 12);

Fis-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Fernandez *vs* Pace (deċiża fil-11 ta' Marzu, 1963) "obbligazzjoni" f'dan is-sens ġiet definita bħala li tinkludi s-somma ta' dmirijiet u drittijiet li jinħolqu bejn il-partijiet u quddiem id-dinja biż-żwieġ, u li r-reġistrazzjoni fir-Reġistru Pubbliku ta' sentenza ta' separazzjoni personali anke fl-assenza ta' xi proprjetà ta' wieħed mill-partijiet hija esekuzzjoni suffiċjenti u li għalhekk f'każ ta' separazzjoni personali fl-assenza ta' proprjetà *tal-konvenut f'Malta din il-Qorti għandha* ġurisdizzjoni;

Issa fil-każ odjern it-talba hija għall-kanonizazzjoni ta' kreditu, u din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni jekk is-sentenza ma tistax tiġi esegwita hawn Malta; mhux biżżejjed li s-sentenza tista' tiġi insinwata illum għal dak li jista' jkollu 'il quddiem id-debitur hawn Malta. Insinwazzjoni ta' sentenza li tikkanonizza kreditu ma hix esekuzzjoni tas-sentenza, billi ipoteka biex jista'

jkollha effett tippresumi l-possibilità ta' esekuzzjoni u ma tistax tissostitwixxi l-esekuzzjoni stess;

M'hemmx dubju li l-konvenut ma għandux proprjetà hawn Malta. Apparti l-fatt li bil-kemm għandu x'jilbes (infatti din il-Qorti tagħtu permess jidher fl-Awla mingħajr ġlekk), il-fatt li martu xtrat dar hawn Malta ma jfissirx li din id-dar daħlet fil-komunjoni ta' l-akkwisti u li għalhekk hu ma għandux proprjetà hawn Malta fuq hiex il-kreditu mitlub fiċ-ċitazzjoni jista' jiġi esegwit. Iż-żwieġ bejn il-kontendenti sar barra minn Malta u din il-Qorti, fl-assenza ta' provi għall-kuntrarju, ma tistax tippresumi li ż-żwieġ tagħhom jinkludi l-komunjoni ta' l-akkwisti;

Huwa ċar għalhekk li din il-Qorti m'hijiex investita bil-ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni tal-każ odjern;

Għal dawn il-motivi, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, tiddikjara li m'għandhiex ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċidi l-kawża preżenti u konsegwentement, tastjeni mill tieħu konjizzjoni tal-każ;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi;

Rat a fol. 41 in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi u a fol. 49 sa 51 il-petizzjoni ta' l-appell tagħha li biha talbet li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti billi prevju r-riġett ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

Rat a fol. 53 u 54 ir-risposta ta' l-appell tal-konvenut appellat;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet *it-trattazzjoni*;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn għandu jiġi osservat illi fil-mori ta' l-appell ġiet ippreżentata kopja legali ta' sentenza tal-Qorti ta' Bari, *Prima Sezione Civile* tat-3 ta' Jannar, 1989 li minnha jirriżulta li mhux biss il-provvediment preċedenti li bih l-konvenut kien ġie kkundannat *jissoministra* lil mertu l-attriċi u lil bintu ġie rrevokat iżda li l-istess attriċi ġiet ikkundannata tikkontribwixxi għall-manteniment tal-minuri fil-kwota tal-Lit. 100,000 fix-xahar. Dana qed jingħad in kwantu *iċ-ċitazzjoni* odjerna hija in parti bbażati fuq dak il-provvediment preċedenti bħala li jikkostitwixxi bażi tat-talbiet attriċi;

It-tieni punt li trid tirrileva din il-Qorti hu, li kif ġie dejjem deċiż, f'kawżi ta' alimenti u **fejn l-azzjoni tkun ibbażata fuq rapporti tal-familja u ta' żwieġ, il-liġi applikabbli hija l-liġi nazzjonali tal-persuna obbligata.** (*Vide Staines vs Milazzo, Vol. XXXIII-I-386*);

It-tielet punt li għandu jiġi osservat huwa illi l-fatt li jkun *inħareġ* **mandat ta' impediment ta' partenza kontra stranġier li jkun jinsab f'Malta ma jirradikax "*ut sic*" il-ġurisdizzjoni jekk ġurisdizzjoni ma jkunx hemm** (*vide* Cornelius *vs* Valentini, Vol. XXVIII-III-749);

Issa l-ewwel aggravju ta' l-appellanti huwa fis-sens li l-ewwel Onorabbli Qorti kkreat paradoss billi filwaqt li meta kawża ssir

kontra kuraturi għall-assenti hemm ġurisdizzjoni, meta l-istess kawża ssir kontra l-konvenut preżenti f'Malta m'hemmx;

Dan però huwa argument fallaċi għaliex hu ben saput illi l-fatt li kawża ssir kontra kuraturi għall-assenti ma jirradikax bħala tali il-ġurisdizzjoni tant li jekk m'hemmx ġurisdizzjoni l-istess kuraturi għandhom id-dover jissollevawha;

It-tieni argument ta' l-appellanti huwa fis-sens li m'hemmx dubbju li l-obbligazzjoni tal-konvenut li jħallas l-alimenti għandha neċessarjament tiġi esegwita f'Malta billi l-kredituri ta' l-obbligazzjoni jinsabu hawn;

Anki hawn din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellanti billi kif jispjega l-konvenut appellat fir-risposta tiegħu din is-sottomissjoni hija totalment gratuwita, anzi, apparti l-fatt li llum hemm is-sentenza Taljana msemmija, *se mai* jekk wieħed kellu jikkonsidra fejn għandha tiġi esegwita l-obbligazzjoni *de quo* meħud l-paragun msemmi, fl-istess risposta wieħed pjuttost jasal għal konklużjoni opposta għal dik proposta mill-appellanti;

It-tielet sottomissjoni ta' l-appellant hija fis-sens li l-kawża minnha intentata hija waħda għal dikjarazzjoni u biss subordinatament qed titlob kanonizzazzjoni ta' kreditu. Din il-Qorti sempliċement ma taqbilx u tirreferi lill-appellanti għaċ-ċitazzjoni tagħha;

Ikkunsidrat:

Illi kwantu jirrigwarda stranġieri, l-artikoli tal-liġi li jirregola kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni huwa l-**artikolu 742** tal-Kodiċi ta'

Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li din il-Qorti eżaminat bir-reqqa u jidhrilha li minn imkien ma jirriżulta li hemm xi ċirkostanza fost dawk kontemplati fih li tista' twassal biex tiġi radikata l-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati fil-każ oderjn. Din il-Qorti ma tarax li għandha tagħmel osservazzjonijiet fuq kull paragrafu ta' l-artikolu imsemmi. Jingħad biss li l-konvenut li hu ċittadin Taljan, għalkemm kien jinsab f'Malta meta saret iċ-ċitazzjoni, la għandu d-domiċilju tiegħu hawn, la kkuntratta obbligazzjoni hawn u anqas ma jista' jingħad li l-obbligazzjoni tiegħu li jissominista alimenti, jekk għandu stante li bis-sentenza msemmija issa ġie eżonerat, anqas ma jista' jingħad li jirriżulta li din l-obbligazzjoni għandha tiġi esegwita f'Malta jew li bilfors trid tiġi esegwita hawn. Anqas ma **jista' jingħad li jekk *si tratta* ta' obbligazzjoni kkuntrattata favur ċittadin Malti din tista' tiġi esegwita f'Malta għaliex ma jirriżultax li dan jista' jsir billi l-konvenut hawn Malta m'għandu xejn;**

Din il-Qorti għalhekk ma tarax alternattiva ħlief li tikkonferma s-sentenza appellata kif ser tagħmel;

Għal dawn il-motivi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza a kariku ta' l-appellant.